MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Talba Numru. 619/2011

**Clair Meli**
**ID-454773 (M)**

**vs**

**Saviour sive Sammy Attard**
**I.D. 28370 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet illi l-konvenut ihallas ossia jrodd lill-attrici s-somma ta’ elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) bilanc ta’ ammont ikbar appertenenti lill-attrici illi l-konvenut Saviour sive Sammy Attard kien qieghed izomm bi qbil mal-attrici ghan-nom tal-istess attrici, liema somma pero’ ma jridx issa jirritornaha lilha minkejja bosta interpellazzjonijiet, dana minghajr ebda raguni valida.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-5, tas-17 ta’ Jannar, u tal-21 ta’ Frar, 2011, u bl-imghaxijiet mid-data meta l-ammont ghadda ghand il-konvenut, kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha stante illi mhux talli l-konvenut m'ghandu jaghti xejn lill-attrici izda bil-kontra, hija l-attrici li hija debitrici tal-konvenut f'somma sostanzjalment oghla minn dik mitluba kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici fis-seduta tat-23 ta' April 2012; ra li dan il-kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut gie rtirat mill-attrici fis-seduta tat-30 ta' April 2012.

Semgha x-xhieda tal-partijiet u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ra d-dokumenti pprezentati minnhom.

Ra n-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi l-attrici qed titlob hlas minghand il-konvenut tas-somma ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800), liema ammont l-attrici ddikjarat illi ghaddithom lill-konvenut sabiex izommhom, bl-intendiment illi meta hi titlobhom lura, hu jerga' jghaddihomlha. Illi l-istess attrici ddikjarat illi fiz-zmien meta hi ghaddiet dawn il-flus lill-konvenut, hi kienet qedha tghix fid-dar ta' ommha, fejn kien hemm jghixu wkoll ohtha u l-*partner* taghha. Illi ftit taz-zmien qabel kienu naqsu xi flus mid-dar tal-attrici, u ghalhekk riedet tpoggihom f'post sigur, izda li jkunu disponibbli ghaliha hekk kif tigi bzonnhom; illi f'dak l-istess zmien hi kienet f'relazzjoni mal-konvenut, u deherilha illi setghet tafdah, u ghalhekk ghaddiet il-flus lilu sabiex izommhom.

Illi effettivament hi ghadditlu tliet elef u mitejn Euro (€3,200) fi flus kontanti; dan kien ghall-habta ta’ Ottubru 2009. Illi ftit taz-zmien wara, u cioe’ madwar xahar wara, l-istess attrici talbitu l-flus lura ghaliex kienet giet bzonnhom ghaliex kienet involuta f’incident awtomobilistiku, u kienet tehtieg il-flus sabiex tghamel it-tiswijiet fil-vettura taghha; illi meta hi talbet il-flus lill-konvenut, hu qalilha li ma setax iroddhom lura ghaliex kienu gew depozitati f’akkont bankarju ghal perjodu fiss. Illi minkejja f’dan, il-konvenut ta lill-attrici s-somma ta’ erba’ mitt Euro (€400), u ghalhekk kien fadal bilanc xi jrodd lura fl-ammont ta’ elfejn u tmien mitt Euro (€2,800). Illi eventwalment ir-relazzjoni bejn il-partijiet spiccat, u l-konvenut beda jinsisti mal-attrici illi l-flus li kellu fil-pussess tieghu kien ser izommhom sabiex jithallas ta’ xoghol li hu, u lavranti tieghu, kienu ghamlu fuq inkarigu tal-istess attrici f’appartament li ohtha kienet kriet sabiex tmur tghix fih. Illi l-attrici ssostni illi l-intendiment bejn il-partijiet dwar dan ix-xoghol kien fis-sens illi tali xogholijiet kienu qed isiru bil-bona volonta’ tal-istess konvenut, u minghajr ma kien ser ikun dovut ebda hlas ghal tali xoghol.

Illi missier l-attrici, Albert Aquilina, iddikjara li hu sar jaf dwar il-kwistjoni li kien hemm bejn il-partijiet dwar dawn il-flus minghand l-istess attrici, u peress illi l-konvenut baqa’ ma rodd ebda ammont iehor wara li lill-attrici taha erba’ mitt Euro (€400), allura bintu giet kostretta li tipprocedi b’kawza kontra l-konvenut. Illi oht l-attrici, Amanda Aquilina, iddikjarat illi l-konvenut ghamel xi xoghol ta’ tikhil u tibjid f’appartament li hi, jew ahjar il-*partner* taghha, kienet kriet f’Sta Lucija. Illi hi ssostni illi l-konvenut qatt ma talabha hlas ghal dawn ix-xogholijiet, u li anzi l-intendiment bejniethom kien fis-sens illi kien qed jghamel dawn ix-xogholijiet sabiex jghinhom. Illi oht l-attrici tikkontendi illi jekk huwa dovut xi hlas lill-konvenut, allura dan ghandu jitlobhom lilha, u mhux izomm il-flus ta’ ohtha.

Illi l-konvenut da parti tieghu ddikjara illi huwa minnu li rcieva flus fl-ammont ta’ tliet elef u mitejn Euro (€3,200) minghand l-attrici, u dan sabiex izommhomlha, izda ddikjara wkoll illi dan kien wara li kien wettaq ix-xogholijiet fis-sistema tad-dawl, zebgha u kisi f’appartament li oht l-attrici u l-*partner* taghha kienu krew f’Sta Lucija. Illi f’dan l-istess zmien hu kien f’relazzjoni mal-istess attrici, u peress illi kienet martu li kienet tohrog il-kontijiet ghax-xoghol li kien jghamel, u peress li ma riedx juriha b’dan ix-xoghol li kien ghamel fuq inkarigu

tal-attrici, ma bghat ebda kont ghax-xogholijiet imwettqa minnu. Madanakollu, eventwalment, martu saret taf b'din ir-relazzjoni, u kien ghalhekk illi l-kont li nhareg fil-konfront tal-attrici nhareg f'Jannar 2011 (a fol.17 tal-atti). Illi sakemm il-konvenut ma kienx hareg ebda kont, kien madanakollu wasal ghal valur tax-xoghol imwettaq minnu, u meta l-attrici talbitu li jrodd lura l-flus, hu kien dispost li jaghtiha erba' mitt Euro (€400) ghaliex deherlu li x-xoghol imwettaq minnu kienu sufficjentement koperti bl-ammont li kien fadal fil-pussess tieghu, u cioe' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800). Illi l-istess konvenut isostni illi kienet l-attrici li nkarigatu jghamel ix-xogholijiet fl-appartament in kwistjoni, u li ghalhekk il-hlas kellu jigi mwettaq mill-istess attrici.

Illi mart il-konvenut, Brigitte Attard, iddikjarat illi hi saret taf bix-xogholijiet li gew imwettqa minn zewgha fuq inkarigu tal-attrici lejn l-ahhar tal-2010, u li fl-2011 taf li zewgha ircieva ittra minghand Avukat in konnessjoni mal-flus li l-attrici kienet qed tippretendi lura minghand zewgha. Illi hi ddikjarat ukoll illi kienet kellmet lil wiehed mill-persuni li kien involut fit-twettiq tax-xogholijiet li saru fl-appartament in kwistjoni, u li dan informaha li x-xogholijiet kienu saru fl-2009. Illi dan il-persuna, Michel Cutajar, iddikjara illi hu kien gie nkarigat mill-konvenut sabiex jghamel xoghol ta' tibjid f'appartament gewwa Sta Lucija, u li rcieva hlas minghand il-konvenut ghal dan ix-xoghol fl-ammont ta' elf u hames mitt Euro (€1,500), liema ammont ma kienx jinkludi l-materjal, peress illi dan haseb ghalih il-konvenut.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta, u mhux ikkontestat, illi l-attrici kkonsenjat tliet elef u mitejn Euro (€3,200) lill-konvenut sabiex dan izommhomlha, li minnhom l-istess konvenut radd lura erba' mitt Euro (€400), u li ghalhekk fadal bilanc fil-pussess tieghu ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800). Illi l-konvenut jikkontendi illi m'ghandux jigi ordnat li jrodd dan l-ammont lura ghaliex huwa dovut lilu hlas ghal xogholijiet illi hu wettaq fuq inkarigu tal-attrici, u li ghalhekk ghandu jkun hemm tpacija mal-flus li ghandu fil-pussess tieghu.

Illi l-attrici da parti taghha mhux qed tikkontesta l-fatt illi l-konvenut wettaq xogholijiet f'appartament gewwa Sta Lucija, madanakollu, tikkontendi (i) illi tali xogholijiet ma gewx imwettqa fuq inkarigu taghha, izda fuq inkarigu ta' ohtha, (ii) illi qatt ma kien sar ebda diskors dwar hlas ghal tali xogholijiet, u li l-attrici u anke ohtha deherilhom illi dawn ix-xogholijiet kienu gew imwettqa mill-konvenut minn jeddu, u bil-bona volonta' tieghu, minghajr ebda pretensjoni ghall-hlas, u (iii) illi fi kwalunkwe kaz, il-kont li nhareg ghal dawn ix-xogholijiet ma hux kont rilaxxjat mill-istess konvenut, izda minn socjeta' kummercjali li m'hix parti f'din il-kawza, u li ghalhekk il-kreditu huwa se mai spettanti lilha, u l-konvenut ma jistax izomm il-flus li jinsabu fil-pussess tieghu sabiex jigi saldat dan il-kreditu.

Illi l-konvenut, da parti tieghu jikkontendi (i) illi mhux minnu li kienet oht l-attrici li nkarigatu jghamel ix-xogholijiet in kwistjoni, izda kienet l-istess attrici, tant illi kienet hi li kienet tissorvelja dawn ix-xogholijiet, (ii) illi ghalkemm ma kienx ipprovda stima ghax-xogholijiet li kien ser iwettaq, meta l-attrici talbitu l-flus lura, hu kien wettaq ix-xoghol u kien hadem il-kont u ghalhekk kien radd lura biss erba' mitt Euro (€400) ghaliex il-bilanc kien dovut ghax-xoghol imwettaq minnu, u (iii) ghalkemm il-kont inhareg mis-socjeta' Absolute Construction Limited, u mhux mill-konvenut personalment, ghandu jkun hemm tpacija ghax-xoghol imwettaq minnu bil-flus li jinsabu fil-pussess tieghu, u dan in bazi tal-principju ta' ekwita'.

Ikkunsidra,

Illi mill-assjem tal-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi kien hemm relazzjoni intima bejn il-partijiet kontendenti u kien f'dan l-isfond u kuntest illi l-attrici fdat flus taghha fil-pussess tal-konvenut, u l-istess konvenut wettaq xogholijiet ta' tikhil u tibjid fl-appartament li jinsab gewwa Sta Lucija.  Illi t-Tribunal jinnota illi ghalkemm gie allegat illi dan l-appartament kien mikri lill-*partner* ta' oht l-attrici, ma ngabet ebda prova in rigward.  Illi madanakollu, la l-attrici u lanqas ohtha ma jikkontestaw l-allegazzjoni tal-konvenut illi hu wettaq xogholijiet

f'dan l-appartament, u l-kontestazzjoni taghhom hija biss dwar min minnhom inkarigah sabiex jghamel tali xogholijiet.

Illi dwar il-fattura li nharget minn Absolute Construction Limited, u li in bazi taghha l-konvenut qed jitlob hlas minghand l-attrici, it-Tribunal jinnota illi l-istess konvenut naqas milli jressaq ebda prova sabiex juri l-konnessjoni tieghu ma' din is-socjeta' kummercjali, ghajr ghall-fatt illi fuq din il-fattura hemm indikat li l-konvenut huwa d-direttur fi hdan din is-socjeta' kummercjali. Illi dan oltre illi minkejja l-fatt illi l-konvenut fir-risposta tieghu ddikjara illi m'ghandu jaghti xejn lill-attrici ghaliex l-istess attrici hija debitrici tieghu "... *f'somma sostanzjalment oghla* ...", ma ppropona ebda kontrotalba in rigward.

Illi t-Tribunal huwa sodisfacentement konvint illi meta l-konvenut wettaq ix-xogholijiet fl-appartament f'Sta Lucija, dan kien qed jghamlu bhala forma ta' pjacir lejn l-attrici u sabiex jinghogob maghha, u ghalkemm it-Tribunal ma jeskludix illi l-konvenut kellu f'mohhu li jitlob hlas ghax-xoghol imwettaq minnu, ma kienx necessarjament intenzjonat li jghamel dan meta wettaq dan ix-xoghol, izda ra li pprezentat ruhha opportunita' sabiex izomm il-flus li kellu fil-pussess tieghu u li kienu tal-attrici, partikolarment meta r-relazzjoni ta' bejniethom spiccat. Illi dan huwa evidenti mill-fatt illi l-konvenut ikkonferma illi fl-ebda waqt ma pprovda lill-attrici, jew lil ohtha, bi stima ghax-xogholijiet li kien ser iwettaq, oltre l-fatt illi l-fattura ghal tali xogholijiet inharget hafna zmien wara li gew imwettqa x-xogholijiet.

Illi dan huwa korroborat ulterjorment minn dak dikjarat mill-istess konvenut illi fl-affidavit tieghu ddeskriva s-sekwenza tal-fatti kif gej, u cioe' illi bdiet ir-relazzjoni tieghu mal-attrici, illi f'dak l-istess zmien oht l-attrici kienet kriet l-appartament u kien jehtieg li jsiru xi xogholijiet fih; illi ftit taz-zmien wara li l-konvenut lesta dawn ix-xogholijiet, l-attrici ghadditlu l-flus sabiex izommhomlha, u kien biss meta imbaghad talbithomlu fl-2010 illi hu ddecida illi jzomm il-bilanc ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800) li kellu fil-pussess tieghu sabiex jithallas ghax-xoghol li kien ghamel. Illi jidher illi anke f'dak l-istadju, il-konvenut naqas milli jghamel l-intenzjonijiet tieghu cari mal-attrici illi kien ser izomm il-flus bhala hlas

ghax-xoghol imwettaq minnu, u kien biss maz-zmien illi ghamel tali stqarrija, u nhareg il-kont li in bazi tieghu qed jippretendi l-hlas.

Illi bhala stat ta' fatt il-konvenut mhux qed jikkontesta illi l-attrici fdat il-flus taghha fil-pussess tieghu, u li f'dak l-istadju ma kien ghamel ebda referenza ghall-fatt illi kien dovut hlas lilu ghax-xoghol li kien wettaq. Illi tant huwa hekk, illi l-ewwel referenza li jidher li saret mill-konvenut ghall-fatt li kien dovut lilu xi hlas, kien permezz tal-ittra legali datata 15 ta' Frar 2011 (a fol.15 tal-atti). Illi t-Tribunal mhux konvint mit-tezi tal-konvenut illi kienet l-attrici li nkarigatu sabiex jghamel ix-xogholijiet fl-appartament li kienu krew oht l-attrici u l-*partner* taghha, u li se mai, huwa aktar probabbli illi l-konvenut offra li jghamel dawn ix-xogholijiet sabiex jinghogob mal-attrici. Illi kemm-il darba sar hekk, allura l-konvenut huwa intitolat ghall-hlas ghax-xoghol li ghamel, izda mhux minghand l-attrici, u ghalhekk ma ghandux il-jedd illi jzomm flus li gew affidati lilu minnha sabiex izomhom biss ghal *safe-keeping*. Illi fi kwalunkwe kaz, u ghalkemm it-Tribunal huwa regolat mill-principju ta' ekwita', ma jistax jigi skartat il-fatt illi l-fattura li nharget ghax-xoghol li sar fl-appartament f'Sta Lucija ma hix f'isem il-konvenut, izda giet rilaxxjata minn persuna b'identita' separata u distinta minn dik tal-partijiet f'din il-kawza.

Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-ammont li gie affidat mill-attrici lill-konvenut ghandu jigi ritornat lilha fl-intier tieghu, izda dan minhajr pregudizzju ghal kwalunkwe azzjoni li l-konvenut – jew ahjar is-socjeta' kummercjali li rrilaxxjat il-fattura ghax-xogholijiet imsemmija f'din il-kawza – jista' jipproponi fil-konfront tal-persuna jew persuni li fuq inkarigu taghhom, u ghal beneficcju taghhom, saru x-xogholijiet li ghalihom saret referenza f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa' t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2,800.00), bl-imghax mid-data tal-Avviz tat-Talba.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------